KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fit-28 ta' Mejju 2020 [1]

Kawża C-233/19

B.
vs
Centre public d'action sociale de Liège (CPAS)

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-cour du travail de Liège (il-Qorti Industrijali ta' Liège, il-Belġju))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika tal-immigrazzjoni – Direttiva 2008/115/KE – Artikolu 14(1)(b) – Ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment – Ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed ibati minn marda serja – Ċaħda ta' talba għal awtorizzazzjoni ta' residenza għal raġunijiet mediċi – Ordni biex jitlaq mit-territorju – Għoti ta' għajnuna soċjali"

1. Fil-kuntest ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari tal-cour du travail de Liège (il-Qorti Industrijali ta' Liège, il-Belġju), il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistiedna tiddeċiedi dwar il-kundizzjonijiet li għalihom huwa suġġett l-effett sospensiv ta' appell minn deċiżjoni li tordna lil ċittadin ta' pajjiż terz li jbati minn marda serja jitlaq mit-territorju ta' Stat Membru, fid-dawl tad-Direttiva 2008/115/KE [2]. Il-partikolarità ta' din il-kawża tinsab fil-fatt li l-qorti tar-rinviju ma għandhiex ġurisdizzjoni, skont id-dritt proċedurali nazzjonali, sabiex tiddeċiedi dwar il-legalità ta' din id-deċiżjoni. Nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domanda magħmula billi tillimita ruħha għall-aspetti li jaqgħu fil-kamp ta' ġurisdizzjoni tal-qorti tar-rinviju.

Il-kuntest ġuridiku

Id-Direttiva 2008/115

2. L-Artikolu 3(4) u (5) tad-Direttiva 2008/115 jiddisponi li:

"Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[...]

(4) 'deċiżjoni ta' ritorn' tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju, li jgħid jew jiddikjara li s-soġġorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz hija illegali u li jimponi jew jiddikjara l-obbligu ta' ritorn;

(5) 'tneħħija' tfisser l-infurzar ta' l-obbligu ta' ritorn, jiġifieri t-trasport fiżiku barra mill-Istat Membru".

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98).

3. L-Artikolu 5 tad-direttiva msemmija jgħid:

“Fl-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont dovut ta’:

[...]

(c) l-istat tas-saħħa taċ-ċittadin ta’ pajjiż terz konċernat u,

jirrispettaw il-prinċipju ta’ non-refoulement.”

4. L-Artikolu 8(3) tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

“L-Istati Membri jistgħu jadottaw deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju separat li jordna t-tneħħija.”

5. L-Artikolu 12 tal-istess direttiva jipprevedi fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Deċiżjonijiet ta’ ritorn u, jekk maħruġa, deċiżjonijiet ta’ projbizzjoni fuq id-dħul u deċiżjonijiet ta’ tneħħija, għandhom jinħarġu bil-miktub u jagħtu raġunijiet fil-fatt u fid-dritt kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli.

[...]”

6. L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115 jgħid fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

“1. Iċ-ċittadin konċernat ta’ pajjiż terz għandu jingħata dritt għal rimedju effettiv li jappella kontra jew li jitlob reviżjoni tad-deċiżjonijiet relatati mar-ritorn, kif imsemmi fl-Artikolu 12(1) quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti jew korp kompetenti magħmul minn membri imparzjali u li jgawdu minn salvagwardji ta’ indipendenza.

2. L-awtorità jew il-korp imsemmijin fil-paragrafu 1 hawn fuq għandhom ikollhom is-setgħa li jirrivedu deċiżjonijiet relatati mar-ritorn, kif imsemmi fl-Artikolu 12(1), inkluża l-possibbiltà li jiġi sospiż temporanjament l-infurzar tagħhom, dment li ma tkunx diġà applikabbli sospensjoni temporanja taħt il-leġislazzjoni nazzjonali.”

7. Skont l-Artikolu 14(1) ta’ din id-direttiva:

“L-Istati Membri għandhom, bl-eċċezzjoni tas-sitwazzjoni koperta fl-Artikoli 16 u 17, jiżguraw li safejn ikun possibbli jiġu kkunsidrati l-prinċipji li ġejjin fir-rigward ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi matul il-perijodu għal tluq volontarju mogħti skond l-Artikolu 7 u matul perijodi li fihom it-tneħħija tkun ġiet posposta skond l-Artikolu 9:

(a) tinżamm l-għaqda tal-familja ma’ membri tal-familja preżenti fit-territorju tagħhom;;

(b) jingħataw kura tas-saħħa f’emerġenza u trattament essenzjali ta’ mard;

(c) jingħata aċċess lill-minuri għas-sistema bażika ta’ l-edukazzjoni soġġett għat-tul tas-soġġorn tagħhom;

(d) jittieħed kont tal-bżonnijiet speċjali ta’ persuni vulnerabbli.”

Id-dritt Belġjan

8. L-Artikolu 9b(1) tal-loi sur l'accès au territoire, le séjour, l'établissement et l'éloignement des étrangers (il-Liġi dwar l-Aċċess għat-Territorju, ir-Residenza, l-Istabbiliment u t-Tneħħija tal-Barranin" tal-15 ta' Diċembru 1980 (*Moniteur belge* tal-31 ta' Diċembru 1980, p. 14584) fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali jipprevedi:

"Il-barrani li jirrisjedi fil-Belġju li jipprova l-identità tiegħu skont il-paragrafu 2 u li għandu marda li toħloq riskju reali għal ħajtu jew għall-integrità fiżika tiegħu jew riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti meta ma jkun hemm ebda kura adatta fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew fil-pajjiż fejn jirrisjedi, jista' jitlob l-awtorizzazzjoni ta' residenza fir-Renju tal-Belġju mill-Ministru jew mid-delegat tiegħu.

[...]"

9. L-Artikolu 57(2) tal-loi organique des centres publics d'action sociale (il-Liġi Organika taċ-Ċentri Pubbliċi ta' Azzjoni Soċjali) tat-8 ta' Lulju 1976 (*Moniteur belge* tal-5 ta' Awwissu 1976, p. 9876) jipprovdi:

"Permezz ta' deroga mid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din il-liġi, il-missjoni taċ-Ċentru Pubbliku ta'Azzjoni Soċjali hija limitata għal:

1 l-għoti ta' għajnuna medika urġenti, fil-konfront ta' barrani li jirrisjedi illegalment fir-Renju;

[...]

Barrani li jkun iddikjara li huwa refuġjat u li jkun applikat sabiex jiġi rrikonoxxut bħala tali, ikun jinsab illegalment fir-Renju meta l-applikazzjoni tiegħu għall-ażil tkun ġiet miċħuda u meta ordni ta' tluq mit-territorju tkun ġiet innotifikata lill-barrani kkonċernat.

Ħlief għall-għajnuna medika urġenti, l-għajnuna soċjali mogħtija lil barrani li effettivament kien jibbenefika minnha meta jkun innotifikat b'ordni ta' tluq mit-territorju għandha tintemm fil-jum li fih il-barrani effettivament jitlaq mit-territorju u, mhux iktar tard, mill-jum li fih jiskadi t-terminu stabbilit fl-ordni għat-tluq mit-territorju.

[...]"

Il-fatti prinċipali, il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u d-domanda preliminari

10. Fl-4 ta' Settembru 2015, B., li huwa ċittadin ta' pajjiż terz, ressaq talba għall-ażil fil-Belġju. Din it-talba kienet ġiet miċħuda mill-awtorità kompetenti. Fis-27 ta' April 2016, il-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin, il-Belġju) ċaħad appell ippreżentat minn B. minn din id-deċiżjoni ta' ċaħda.

11. Fis-26 ta' Settembru 2016, B. ressaq talba għal awtorizzazzjoni ta' residenza [3] għal raġunijiet mediċi, immotivata minn diversi mardiet serji.

12. Din l-applikazzjoni kienet ġiet iddikjarata ammissibbli fit-22 ta' Diċembru 2016 u, għaldaqstant, B. ibbenefika mill-għajnuna soċjali mogħtija miċ-Centre public d'action sociale de Liège (iċ-Ċentru Pubbliku għall-Azzjoni Soċjali ta' Liège) (iktar 'il quddiem iċ-"CPAS").

3 Fuq il-bażi tal-Artikolu 9b tal-Liġi dwar l-Aċċess għat-Territorju, ir-Residenza, l-Istabbiliment u t-Tneħħija tal-Barranin.

13. Permezz ta' deċiżjonijiet tat-28 ta' Settembru 2017, innotifikati fit-23 ta' Ottubru 2017, it-talba għall-awtorizzazzjoni ta' residenza ppreżentata minn B. kienet ġiet miċħuda u l-awtorità kompetenti ħarġitlu ordni ta' tneħħija mit-territorju [4].

14. Fit-28 ta' Novembru 2017, B. ippreżenta rikors għal annullament u għal sospensjoni kontra dawn id-deċiżjonijiet quddiem il-conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin, il-Belġju).

15. Permezz ta' żewġ deċiżjonijiet tat-28 ta' Novembru 2017, iċ-CPAS irtira mingħand B. il-benefiċċju tal-għajnuna soċjali mit-23 ta' Ottubru 2017. Min-naħa l-oħra, tah l-għajnuna medika urġenti mill-1 ta' Novembru 2017.

16. Fit-28 ta' Diċembru 2017, B. ippreżenta appell quddiem it-tribunal du travail de Liège (il-Qorti Industrijali ta' Liège) mid-deċiżjonijiet taċ-CPAS li rtiralu l-għajnuna soċjali u talab lil din il-qorti sabiex terġa' tagħtih il-benefiċċju ta' din l-għajnuna mit-23 ta' Ottubru 2017.

17. Permezz ta' sentenza tal-15 ta' Marzu 2018, it-tribunal du travail de Liège (il-Qorti Industrijali ta' Liège) ċaħdet dan l-appell sa fejn kien jirrigwarda l-għajnuna soċjali.

18. Fis-16 ta' April 2018, B. ippreżenta appell minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju.

19. Din il-qorti tirrileva li, fid-dawl tad-data ta' notifika tal-ordni ta' tneħħija mit-territorju u wara deċiżjoni ġdida adottata miċ-CPAS, il-perijodu kkonċernat mill-appell huwa dak bejn it-23 ta' Ottubru 2017 u l-31 ta' Jannar 2018 u li, matul dan il-perijodu, B. ma kellux permess ta' residenza [5].

20. Wara li eskludiet il-possibbiltà li B. jingħata l-benefiċċju tal-għajnuna soċjali billi bbażat ruħha fuq impossibbiltà eventwali medika ta' ritorn, fis-sens tal-leġiżlazzjoni Belġjana dwar l-għajnuna soċjali, il-qorti tar-rinviju tikkonstata li l-eżitu tal-kawża prinċipali jiddependi fuq l-effetti li għandhom jingħataw lis-soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Abdida [6].

21. Il-qorti tar-rinviju tqis, fil-fatt, li hija għandha tilqa' l-appell tar-rikorrent jekk kellu jiġi rrikonoxxut effett sospensiv tar-rikors għal annullament u għal sospensjoni li dan ippreżenta quddiem il-conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin,). Din il-qorti tippreċiża li, skont il-leġiżlazzjoni Belġjana, dan ir-rikors ma jipproduċix effett sospensiv, iżda li tali effett jista' jkollu jiġi rrikonoxxut fil-konfront tiegħu wara s-sentenza Abdida [7]. Madankollu, l-istess qorti tqis li huwa diffiċli li jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom qorti soċjali għandha tikkonstata n-natura sospensiva ta' tali rikors, kwistjoni li fuqha l-qrati Belġjani adottaw deċiżjonijiet diverġenti u li tista' tirċievi tal-inqas tliet risposti differenti li kull waħda minnhom tippreżenta vantaġġi u inkonvenjenzi.

4 Fit-30 jum wara n-notifika.

5 Il-qorti tar-rinviju tippreċiża wkoll li t-talba l-ġdida għal għajnuna soċjali mressqa minn B. fl-1 ta' Frar 2018 kienet ġiet irrifjutata permezz ta' deċiżjoni taċ-CPAS tal-20 ta' Frar 2018 u li din id-deċiżjoni ta' rifjut kienet is-suġġett ta' rikors ġdid. Dan jispjega għaliex il-perijodu kontenzjuż fil-kuntest ta' din il-kawża huwa limitat għall-perijodu mit-23 ta' Ottubru 2017 sal-31 ta' Jannar 2018.

6 Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014 (C-562/13, EU:C:2014:2453).

7 Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014 (C-562/13, EU:C:2014:2453).

22. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-cour du travail de Liège (il-Qorti Industrijali ta' Liège), permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Marzu 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Marzu 2018 iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikoli 5 u 13 tad-Direttiva [2008/115], moqrija fid-dawl tal-[Artikolu 19(2) u tal-Artikolu 47] tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), kif ukoll l-Artikolu 14(1)(b) ta' din id-direttiva, moqrija fid-dawl tas-sentenza [Abdida[8]], għandhom jiġu interpretati bħala li jagħtu effett suspensiv lil rikors eżerċitat kontra deċiżjoni li tordna lil ċittadin ta' pajjiż terz milqut minn marda serja li jitlaq mit-territorju ta' Stat Membru, billi l-awtur tar-rikors isostni li l-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni tista' tesponih għal riksju serju ta' deterjorament serju u irriversibbli tal-istat ta' saħħtu

– mingħajr il-ħtieġa li titwettaq evalwazzjoni tar-rikors, is-sempliċi preżentata tiegħu hija suffiċjenti sabiex tissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni li tordna t-tluq mit-territorju

– jew permezz ta' stħarriġ marġinali dwar l-eżistenza ta' ilment invokabbli jew tal-assenza ta' ta' inammissibbiltà jew ta' nuqqas manifest ta' bażi għar-rikors quddiem il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin

– jew inkella permezz ta' stħarriġ sħiħ u komplut min-naħa tal-qrati tax-xogħol sabiex jiġi ddeterminat jekk l-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni tistax tesponi lill-awtur tar-rikors għal riskju serju ta' deterjorazzjoni serja u irriversibbli tal-istat ta' saħħtu?"

23. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-partijiet fil-kawża prinċipali, mill-Gvern Belġjan, il-Gvern Olandiż u l-Gvern Ċek kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar 2020, instemgħu dawn il-partijiet kollha, bl-eċċezzjoni tal-Gvern Ċek.

Analiżi

24. Din il-kawża għandha bħala sfond is-sentenza Abdida[9] u l-interpretazzjoni tagħha, mill-qrati Belġjani, fuq livell nazzjonali. Fl-ewwel lok, ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddelimita l-portata tad-domanda preliminari, ser nanalizza sussegwentement din id-domanda fid-dawl tad-Direttiva 2008/115 u, fl-aħħar nett, ser nagħmel, sabiex inkun eżawrjenti, xi rimarki qosra dwar il-kundizzjonijiet tal-effett sospensiv ta' appell minn deċiżjoni ta' ritorn.

Fuq id-delimitazzjoni tal-portata tad-domanda preliminari

25. Id-domanda kif magħmula għandha, fil-fehma tiegħi, tiġi fformulata mill-ġdid sabiex il-qorti tar-rinviju tingħata risposta utli li tippermettilha ssolvi l-kawża mressqa quddiemha.

26. Infakkar fil-qosor il-fatti u l-kwistjonijiet ta' din il-kawża.

27. B., li huwa ċittadin ta' pajjiż terz, kellu t-talba tiegħu għal awtorizzazzjoni ta' residenza miċħuda u, fl-istess ħin, irċieva ordni ta' tneħħija mit-territorju. B. ippreżenta rikors għal annullament u għal sospensjoni kontra dawn id-deċiżjonijiet quddiem il-qorti *amministrattiva* kompetenti. Fl-istess ħin, iċ-centre public d'action sociale (iċ-Ċentru Pubbliku ta' Azzjoni Soċjali) neħħielu l-benefiċċju tal-għajnuna soċjali, filwaqt li tah l-għajnuna medika urġenti. B. ippreżenta appell minn dawn id-deċiżjonijiet quddiem il-qorti *soċjali* kompetenti.

8 Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014 (C-562/13, EU:C:2014:2453).

9 Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014 (C-562/13, EU:C:2014:2453)

28. Hija preċiżament il-qorti *soċjali*, tat-tieni istanza, li qed tindirizza lill-Qorti tal-Ġustizzja. Mitluba tiddetermina jekk B. għandux dritt għall-għajnuna soċjali, din il-qorti tqis li għandha tingħata kjarifika dwar il-kundizzjonijiet ta' effett sospensiv tal-appell ippreżentat mid-deċiżjoni li tordna lil B. jitneħħa mit-territorju Belġjan.

29. Bl-aħjar intenzjonijiet u l-aħjar rieda tad-dinja, ma narax kif ir-risposta li tagħti l-Qorti tal-Ġustizzja għal din id-domanda preliminari tkun ta' natura li tiggwida lill-qorti tar-rinviju fid-dawl tal-problema speċifika li għandha quddiemha. Peress li l-qorti tar-rinviju ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-legalità tad-deċiżjoni ta' ritorn u lanqas dwar l-effett sospensiv li proċedura kontra tali deċiżjoni tipproduċi, fl-opinjoni tiegħi huwa superfluwu li wieħed jiffoka fuq dan l-effett sospensiv. Huwa biss il-punt dwar jekk B. għandux dritt għall-għajnuna soċjali inkwistjoni li huwa utli għall-qorti tar-rinviju.

30. Għaldaqstant, f'dan ir-rigward, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tevalwa r-regoli proċedurali Belġjani li jirregolaw l-appelli mid-deċiżjonijiet ta' ritorn u ċertament ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dibattitu dwar l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali li tidher li hija kontroversjali fil-livell nazzjonali [10].

31. Ovvjament, ikun mod ieħor kieku jitqies li s-sistema ta' organizzazzjoni ġudizzjarja tar-Renju tal-Belġju *bħala tali*, bit-tqassim tal-kompetenzi bejn il-qrati amministrattivi għal-legalità tar-residenza u l-qrati soċjali għall-kwistjonijiet soċjali, ma kinitx konformi mad-Direttiva 2008/115. Ma narax li dan huwa l-każ. Għall-kuntrarju, dan it-tqassim jidher perfettament f'armonija ma' organizzazzjoni ġudizzjarja klassika fuq livell nazzjonali.

32. Fl-aħħar nett, ma naħsibx li din il-konstatazzjoni tikkontradixxi t-tagħlim tas-sentenza Abdida [11]. Infakkar li f'din il-kawża, li kienet tirrigwarda wkoll il-leġiżlazzjoni Belġjana u li s-sitwazzjoni fattwali tagħha kienet tikkorrispondi fil-parti l-kbira tagħha ma' dik ta' din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet għad-domandi ta' qorti soċjali li kienu jirrigwardaw kemm l-effett sospensiv ta' azzjoni amministrattiva kif ukoll kwistjonijiet ta' natura soċjali. Madankollu, b'differenza mill-kawża inkwistjoni fil-kawża prinċipali, wieħed jista' jsostni li, fil-kawża li wasslet għas-sentenza Abdida [12], ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-effett sospensiv setgħet tgħin sabiex issolvi s-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata. Issa ma jidhirx li dan huwa l-każ hawnhekk. Fil-fatt, fil-każ preżenti, diġà ġie stabbilit, grazzi għas-sentenza Abdida [13], li B. għandu jkollu rimedju b'effett sospensiv biex jopponi l-ordni ta' tneħħija mit-territorju.

33. Għalhekk nipproponi li d-domanda magħmula mill-qorti nazzjonali għandha tinftiehem fis-sens li ġej: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115, partikolarment l-Artikoli 5 u 13 u l-Artikolu 14(1)(b), tagħha, jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-benefiċċju soċjali rċevut minn ċittadin ta' pajjiż terz li huwa s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn li minnha ppreżenta appell u li qed ibati minn marda serja huwa limitat għal għajnuna medika urġenti?

34. Għalhekk, fi kliem ieħor, tqum il-kwistjoni dwar liema drittijiet soċjali l-awtoritajiet Belġjani jistgħu jagħtu jew ma jagħtux lil B. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandhom jiġu ddeterminati d-drittijiet soċjali li B. jista' jislet mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115.

10 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Diċembru 2015, Tall (C-239/14, EU:C:2015:824, punt 35), u tad-19 ta' Ġunju 2018, Gnandi (C-181/16, EU:C:2018:465, punt 34). Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża JZ (Piena ta' detenzjoni fil-każ ta' projbizzjoni fuq id-dħul) (C-806/18, EU:C:2020:307, punt 36).

11 Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014 (C-562/13, EU:C:2014:2453).

12 Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014 (C-562/13, EU:C:2014:2453).

13 Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014 (C-562/13, EU:C:2014:2453).

Fuq ir-rekwiżiti li jirriżultaw mid-Direttiva 2008/115

35. Id-Direttiva 2008/115 għandha bħala suġġett, kif jgħid l-Artikolu 1 tagħha, li tistabbilixxi l-istandards u l-proċeduri komuni li għandhom jiġu applikati fl-Istati Membri biex jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment, skont id-drittijiet fundamentali u skont id-dritt internazzjonali. Mill-premessa 4 ta' din id-direttiva jirriżulta li din id-direttiva hija intiża sabiex tistabbilixxi regoli ċari, trasparenti u ġusti sabiex tiġi ddefinita politika ta' ritorn effettiva, li tikkostitwixxi element indispensabbli ta' politika ta' migrazzjoni mmexxija b'mod tajjeb. Id-Direttiva 2008/115 għalhekk tistabbilixxi sistema kompleta sabiex tiżgura li ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment jitlaq mit-territorju tal-Unjoni [14]. Fejn l-ewwel nett, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun jaqa' taħt id-Direttiva 2008/115, jiġifieri jkun qiegħed jirrisjedi illegalment fit-territorju ta' Stat Membru [15], it-tieni nett, dak l-Istat Membru ma ddeċidiex li ma japplikax din id-direttiva għar-raġunijiet elenkati fiha b'mod eżawrjenti [16] u, it-tielet nett, huwa ma jgawdix mid-drittijiet tal-moviment liberu [17], kif iddefiniti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2016/399 [18], dan iċ-ċittadin għandu jiġi rritornat. Dan jgħodd, naturalment, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 6(2) sa (5) tad-Direttiva 2008/115.

36. Il-proċedura ta' ritorn tinkludi diversi stadji, ippreċiżati fil-Kapitolu II tad-Direttiva 2008/115. L-ewwel nett, Stat Membru jieħu deċiżjoni ta' ritorn kontra ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed jirrisjedi illegalment [19]. Id-deċiżjoni ta' ritorn normalment tipprevedi terminu xieraq għat-tluq volontarju tal-persuna kkonċernata [20], iżda jeżistu eċċezzjonijiet għal din ir-regola [21], b'mod partikolari dik dwar ir-riskju li l-persuna kkonċernata taħrab. Imbagħad, jekk ma jkun ingħata l-ebda terminu għal tluq volontarju, skont id-Direttiva 2008/115, jew jekk l-obbligu ta' ritorn ma jkunx ġie osservat fit-terminu mogħti għat-tluq volontarju, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jeżegwixxu d-deċiżjoni ta' ritorn [22], jiġifieri t-trasferiment fiżiku barra mill-Istat Membru [23]. Din l-eżekuzzjoni hija msejħa "tneħħija".

37. Għandu jiġi enfasizzat li, skont it-termini tad-Direttiva 2008/115 [24], l-Istati Membri *jistgħu* jadottaw (u għalhekk ma humiex obbligati) deċiżjoni jew att separat ta' natura amministrattiva jew ġudizzjarja li jordna t-tneħħija.

38. Fil-kuntest tal-proċedura ta' ritorn, l-Istati Membri huma, evidentement, obbligati jiggarantixxu d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz inkwistjoni [25]. Dan jirriżulta b'mod ġenerali mill-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/115 [26] u b'mod partikolari minn sensiela sħiħa ta' dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva.

14 Ara, ukoll, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża JZ (Piena ta' detenzjoni fil-każ ta' projbizzjoni fuq id-dħul) (C-806/18, EU:C:2020:307, punt 26).

15 Ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2008/115.

16 Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2008/115.

17 Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2008/115.

18 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)(ĠU 2016, L 77, p. 1).

19 Ara l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/115. L-istess dispożizzjoni tippreċiża li dan japplika mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 sa 5 tal-istess artikolu.

20 Ara l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2008/115.

21 Ara l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2008/115.

22 Ara l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2008/115.

23 Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2008/115.

24 Ara l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2008/115.

25 Ir-rispett tad-drittijiet fundamentali ġie kklassifikat, ġustament fil-fehma tiegħi, mid-duttrina bħala "prinċipju kardinali għall-interpretazzjoni tad-direttiva"; ara Lutz, F., "Directive 2008/115/EC of the European Parliament and of the Council of 16 December 2008 on common standards and procedures in Member States for returning illegally staying third-country nationals", f'Hailbronner, K., u Thym, D. (ed.), EU immigration and asylum law – a commentary, it-tieni edizzjoni, 2016, C.H. Beck, Hart, Nomos, Munich, Oxford, Baden-Baden, Artikolu 1, punt 19, p. 667 u 668.

26 Bis-saħħa tiegħu din id-Direttiva tistabbilixxi regoli u proċeduri komuni li għandhom jiġu applikati fl-Istati Membri biex jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, skont id-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tad-dritt internazzjonali, inkluż l-obbligi dwar il-protezzjoni tar-refuġjati u tad-drittijiet tal-bniedem.

39. Barra minn hekk, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni li tippreċiża, l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115 għandha ssir, kif tfakkar fil-premessa 2 tagħha, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u d-dinjità tal-persuni kkonċernati [27].

40. Għaldaqstant, jekk id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati għandhom jiġu rrispettati mill-Istati Membri, dan iseħħ dejjem fil-kuntest tal-proċedura ta' ritorn. Dawn id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati jistgħu jkunu ta' natura materjali, pereżempju t-teħid inkunsiderazzjoni tal-istat ta' saħħa tagħhom [28], jew proċedurali, bħall-forma tad-deċiżjonijiet ta' ritorn [29] jew ukoll il-possibbiltà ta' rimedju ġudizzjarju [30].

41. F'dak li jirrigwarda l-istat ta' saħħa [31] tal-persuna kkonċernata, mis-sentenza Abdida [32] jirriżulta b'mod ċar li "l-Artikolu 14(1)(b) għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprovdix l-għoti, sa fejn huwa possibbli, ta' bżonnijiet bażiċi lil ċittadin ta' pajjiż terz li jbati minn marda serja, sabiex tiggarantixxi li l-kura medika urġenti u t-trattament essenzjali tal-mard ikunu jistgħu jipproduċu l-effetti tagħhom, matul il-perijodu li fih l-Istat Membru jkun marbut jipposponi t-tneħħija ta' dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz wara li jkun ġie ppreżentat appell minn deċiżjoni ta' ritorn li tkun ittieħdet fil-konfront tiegħu" [33]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll f'din is-sentenza li l-Istat Membru kien obbligat li jipprovdi għal tali bżonnijiet meta "[l-individwu kkonċernat] ma jkollux il-mezzi li jipprovdi għall-bżonnijiet tiegħu" [34].

42. Minn din is-silta tas-sentenza Abdida [35] niddeduċi li l-għajnuna bażika inkwistjoni hija ġġustifikata *biss* mill-istat ta' bżonn tal-benefiċjarju.

43. Dan huwa eżami fattwali li għandu jsir mill-qorti tar-rinviju bħala qorti soċjali.

44. Għall-bqija, kif tenfasizza l-premessa 12 tad-Direttiva 2008/115, il-bżonnijiet bażiċi ta' ċittadin ta' pajjiż terz huma ddefiniti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali [36].

45. Għandu jiġi ppreċiżat li bl-ebda mod ma jirriżulta mid-Direttiva 2008/115 li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jibbenefika mill-istess livell ta' għajnuna soċjali bħal dik mogħtija lil persuni oħra bħalma huma ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment jew anki ċ-ċittadini tal-Unjoni. Huwa kull Stat Membru li għandu jiddetermina l-livell ta' għajnuna, sakemm il-kura medika urġenti u t-trattament essenzjali tal-mard jistgħu jingħataw effettivament.

46. Għaldaqstant, kif tenfasizza ġustament il-Kummissjoni, mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, il-fatt li d-dritt Belġjan jikkunsidra jew ma jikkunsidrax ir-residenza ta' B. bħala legali ma għandux effett fuq id-dritt ta' B., skont id-Direttiva 2008/115, li jibbenefika minn għajnuna finanzjarja, minbarra l-assistenza medika urġenti, intiża sabiex tkopri l-bżonnijiet bażiċi tiegħu.

47. Bl-istess mod, nirrileva li, skont din id-direttiva, ma huwiex neċessarju li residenza tiġi kklassifikata bħala "soġġorn legali" sabiex tiġi evalwata l-legalità tar-rifjut tal-għajnuna soċjali.

27 Ara s-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, Abdida (C-562/13, EU:C:2014:2453, punt 42).

28 Ara l-Artikolu 5(c) tad-Direttiva 2008/115.

29 Ara l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2008/115.

30 Ara l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115.

31 Persuna li tbati minn marda ma hijiex fiha nnifisha "persun[a] vulnerabbli" fis-sens tal-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2008/115, li, bis-saħħa tiegħu, huma persuni vulnerabbli minuri, minuri mhux akkumpanjati, persuni b'diżabbiltà, anzjani, nisa tqal, ġenituri waħedhom bi tfal minuri u persuni li kienu vittmi ta' tortura, stupru jew forom serji oħrajn ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali.

32 Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014 (C-562/13, EU:C:2014:2453).

33 Ara s-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, Abdida (C-562/13, EU:C:2014:2453, punt 62 u d-dispożittiv).

34 Ara s-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, Abdida (C-562/13, EU:C:2014:2453, punt 59).

35 Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014 (C-562/13, EU:C:2014:2453).

36 Ara, ukoll, is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, Abdida (C-562/13, EU:C:2014:2453, punt 54).

48. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi konkluż li, sa fejn il-kura medika urġenti u t-trattament essenzjali tal-mard, li jinkludi l-bżonnijiet bażiċi, huma żgurati liċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi illegalment meta dan ma jkollux il-mezzi li jipprovdi huwa stess għall-bżonnijiet tiegħu, ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2008/115 ikunu ssodisfatti.

Fuq is-sitwazzjoni ta' B.

49. Il-kunsiderazzjonijiet preċedenti jippermettu li jinsiltu l-konklużjonijiet li ġejjin għal din il-kawża.

50. Fl-ewwel lok, is-sitwazzjoni tar-rikorrent fil-kawża prinċipali taqa' taħt id-Direttiva 2008/115: ittieħdet deċiżjoni ta' ritorn kontrih u huwa ppreżenta appell minnha. F'dan ir-rigward, jekk jirriżulta li ma għandux il-mezzi sabiex jipprovdi għall-bżonnijiet tiegħu, ir-Renju tal-Belġju għandu, skont l-Artikolu 14(2)(b) tad-Direttiva 2008/115, jipprovdilu għajnuna soċjali li tkopri l-bżonnijiet bażiċi tiegħu.

51. Fit-tieni lok, din il-konstatazzjoni hija indipendenti mill-kundizzjonijiet tal-effett sospensiv ta' proċedura quddiem il-qrati amministrattivi. Id-Direttiva 2008/115 ma teżiġix li l-qorti tar-rinviju teżamina l-kwistjoni tal-legalità tar-residenza tal-persuna kkonċernata.

52. Għalhekk nipproponi li r-risposta għal din id-domanda preliminari għandha tkun li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115, b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 13 u l-Artikolu 14(1)(b) tagħha, jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-benefiċċju soċjali rċevut minn ċittadin ta' pajjiż terz li huwa s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn li minnha huwa ppreżenta appell u li jbati minn marda serja ikun limitat għall-għajnuna medika urġenti, jekk, minn naħa, din l-għajnuna ma tkoprix il-bżonnijiet bażiċi tiegħu billi tiggarantilu li l-kura medika urġenti u t-trattament essenzjali tal-marda jkunu jistgħu effettivament jiġu pprovduti u, min-naħa l-oħra, dan iċ-ċittadin ikun mċaħħad mill-mezzi biex jipprovdi huwa nnifsu għall-bżonnijiet tiegħu.

Fuq l-effett sospensiv

53. Fl-aħħar nett, sabiex inkun eżawrjenti, nixtieq nagħmel l-osservazzjonijiet segwenti f'dak li jikkonċerna l-effett sospensiv fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva.

54. Irrid nenfasizza li dawn il-kunsiderazzjonijiet jirreferu biss għal sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fiha persuna li tbati minn marda tkun esposta għal riskju serju ta' deterjorament gravi u irriversibbli tal-istat ta' saħħitha jekk titwettaq l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn li tikkonċernaha.

55. Id-deċiżjoni ta' ritorn prevista fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/115 tikkostitwixxi l-qofol leġiżlattiv ta' din id-direttiva. Barra minn hekk, l-obbligi li jaqgħu fuq l-Istati Membri bħala riżultat tal-Artikoli 6 *et seq* tal-imsemmija direttiva huma persistenti, kontinwi u japplikaw mingħajr interruzzjoni fis-sens li jinħolqu awtomatikament malli l-kundizzjonijiet ta' dawn l-artikoli jkunu ssodisfatti [37]. Kif indikajt iktar 'il fuq, hija mid-deċiżjoni tar-ritorn li tibda l-proċedura ta' ritorn proprja.

56. Fil-fehma tiegħi, dan jimplika li sistema ta' rimedji amministrattivi li ma għandhiex effett sospensiv f'appell minn deċiżjoni ta' ritorn, iżda biss f'appell minn deċiżjoni ta' tneħħija ma tkunx konformi mas-sentenza Abdida [38]. F'dan ir-rigward, infakkar li, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-Artikoli 5 u 13 tad-Direttiva 2008/115, moqrija flimkien mal-[Artikolu 19(2) u l-Artikolu 47] tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix

37 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża JZ (Piena ta' detenzjoni fil-każ ta' projbizzjoni fuq id-dħul) (C-806/18, EU:C:2020:307, punt 26).
38 Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014 (C-562/13, EU:C:2014:2453).

rimedju b'effett sospensiv kontra *deċiżjoni ta' ritorn* li *l-eżekuzzjoni* tagħha tista' tesponi liċ-ċittadin ta' pajjiż terz inkwistjoni għal riskju serju ta' deterjorament gravi u irriversibbli tal-istat ta' saħħa tiegħu"[39]. Kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Belġjan fl-osservazzjonijiet tiegħu, fl-ebda każ ma jista' jiġi dedott mill-kliem ċar ta' din is-silta tas-sentenza Abdida[40] li l-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi biss għal deċiżjoni ta' tneħħija.

57. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' effett sospensiv, infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza Gnandi[41], li "l-appell ippreżentat kontra deċiżjoni li tordna r-ritorn fis-sens tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/115 għandu, sabiex jiġi żgurat, fir-rigward taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, l-osservanza tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' non-refoulement u tal-Artikolu 47 tal-Karta, ikollu *effett sospensiv ipso jure*, peress li din id-deċiżjoni tista' tesponi lil dan iċ-ċittadin għal riskju reali li jiġi ssuġġettat għal trattamenti li jiksru l-Artikolu 18 tal-Karta, moqri flimkien mal-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni [dwar l-Istatus tar-Refuġjati, iffirmata f'Genève fit-28 ta' Lulju 1951[42], kif kkompletata mill-Protokoll dwar l-Istatus tar-Refuġjati, konkluż f'New York fil-31 ta' Jannar 1967, li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Ottubru 1967], jew għal trattamenti li jiksru l-Artikolu 19(2) tal-Karta"[43].

58. Sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha tiġi ttrattata bl-istess mod.

59. Fi kwalunkwe każ, Stat Membru għandu jkun f'pożizzjoni li jipprevedi, sabiex jiġu evitati abbużi, li l-fondatezza tal-argumenti mressqa f'azzjoni amministrattiva tiġi evalwata *prima facie* minn qorti fil-kuntest ta' eżami sommarju. Madankollu, tali evalwazzjoni għandha ssir *ex post* sabiex ma tipprevjenix milli jseħħ effett sospensiv.

Konklużjoni

60. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi d-domanda preliminari magħmula mill-cour du travail de Liège (Belgique) (il-Qorti Industrijali ta' Liège, il-Belġju) kif ġej:

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 13 u l-Artikolu 14(1)(b) tagħha, jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-benefiċċju soċjali rċevut minn ċittadin ta' pajjiż terz li jkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn li minnha huwa jkun ippreżenta appell u li jkun ibati minn marda serja jkun limitat għall-għajnuna medika urġenti, jekk, minn naħa, din l-għajnuna ma tkoprix il-bżonnijiet bażiċi tiegħu billi tiggarantilu li l-kura medika urġenti u t-trattament essenzjali tal-marda jkunu jistgħu effettivament jiġu pprovduti u, min-naħa l-oħra, iċ-ċittadin ikun mċaħħad mill-mezzi biex jipprovdi huwa nnifsu għall-bżonnijiet tiegħu.

39 Ara s-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, Abdida (C-562/13, EU:C:2014:2453, punt 53 u d-dispożittiv). L-enfasi hija tiegħi.

40 Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014 (C-562/13, EU:C:2014:2453).

41 Sentenza tad-19 ta' Ġunju 2018 (C-181/16, EU:C:2018:465).

42 *Ġabra ta' Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 189, p. 150, Nru 2545 (1954).

43 Ara s-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2018, Gnandi (C-181/16, EU:C:2018:465, punt 56). L-enfasi hija tiegħi.